MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 31/2010/1

**1. Maria sive Marthese Attard,**
**2. Claudine Attard u**
**3. Anthony sive Toni Attard**

**v.**

**1. Policy Manager tal-Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**
**2. Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali Regolazzjoni dwar is-Sahha Pubblika)**
**3. Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol**
**4. Kummissarju tal-Pulizija**

**5. Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010 li laqghet iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimati dwar l-ezawriment tar-rimedji ordinarji, illiberat lill-intimati kollha mill-osservanza tal-gudizzju, u ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha. B'applikazzjoni tal-Artikolu 223(3) tal-Kap.12 ordnat li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"**Il-Qorti:**

"Rat ir-rikors prezentat fid-<u>19 ta' April 2010</u> li jaqra hekk –

""1. Illi r-rikorrenti Marthese Attard, Claudine Attard u Anthony sive Toni Attard rispettivament jigu l-armla, bint u iben Joseph Attard li kien detentur tal-Karta ta' l-Identita' Nru. 1072244M u kien residenti fl-indirizz sittax (16), Triq il-Plejju, Iklin;

"2. Illi l-imsemmi Joseph Attard illum hu mejjet kawza ta' kancer malinju kkagunat mill-espozizzjoni ghall-asbestos, liema kancer hu maghruf bhala Mesothelioma (vide certifikat tal-mewt ta' l-imsemmi Joseph Attard, anness u mmarkat Dok. A, u kopji ta' records medici tad-decujus annessi u mmarkati Dok. B, C, D);

"3. Illi l-imsemmi Joseph Attard kien impjegat mal-Malta Drydocks Corporation bejn is-snin elf disa' mija u disgha u hamsin u l-elf disa' mija u erbgha u sebghin (vide kopja tac-certifikat tal-impjieg anness u mmarkat Dok. E);

"4. Illi l-asbestos kien, matul il-perjodu tal-impjieg ta' l-imsemmi Joseph Attard fil-Malta Drydocks Corporation, 'staple material' prezenti f'ammonti kopjuzi u jintuza minghajr ebda kontroll effettiv u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza permezz tal-gurisprudenza u x-xhieda ta' dawk li kienu jahdmu fl-istess zmien li kien jahdem l-imsemmi Joseph Attard;

"5. Illi ilu maghruf ghal ghexieren ta' snin illi l-esposizzjoni ghall-asbestos hu ta' dannu serju ghal sahhet il-bniedem, tant illi tali esposizzjoni twassal ghal mard serju divers u tista' tikkaguna l-mewt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

"6. Illi minkejja tali gharfien, l-awtoritajiet tas-sahha, il-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, id-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u l-Kummissarju tal-Pulizija naqsu li jipprovdu lil Joseph Attard b'mizuri ta' protezzjoni adegwati sabiex jilqghu ghall-hsara kkagunata mill-asbestos;

"7. Illi Joseph Attard ma giex infurmat, la mill-awtoritajiet tas-sahha, la mill-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, u lanqas mid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dwar l-effetti nocivi rizultanti mill-esposizzjoni ghall-asbestos;

"8. Illi lanqas il-Kummissarju tal-Pulizija ma ha l-ebda pass, ta' ebda natura, meta sar konxju li l-esposizzjoni ghall-asbestos tista' twassal ghall-mewt;

"9. Illi kien biss wara li Joseph Attard beda jisma' bil-mard u mewt kkagunat mill-asbestos ta' whud mill-kollegi tieghu li sar konxju tal-effetti nocivi ta' l-esposizzjoni ghall-asbestos. Tali gharfien kien gradwali u bbazat fuq hearsay u kkompilat, accessat jew b'mod iehor maghruf minghajr l-intervent tal-entitajiet, korpi jew ministeri li kellhom l-obbligu li jissuplixxu tali informazzjoni;

"10. Illi l-esposizzjoni ghall-asbestos tal-mejjet Joseph Attard fuq il-post tax-xoghol affettwat b'mod negattiv ferm il-kwalita' ta' hajja ta' l-istess rikorrenti, li lkoll

gew imcahhdin mill-prezenza ta’ persuna sinifikanti hafna fil-hajja taghhom. Ghaldaqstant ir-rikorrenti jissodisfaw il-kriterji sabiex ikollhom locus standi ta’ vittmi, u dan skond Artikolu tlieta u erbghin (34) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Ghaldaqstant ghall-fatti u ghar-raguni fuq premessi, u ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw matul il-procedura odjerna, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li fil-konfront individwali ta’ kull wiehed mir-rikorrenti nkiser:

“1. Id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja ta’ l-individwu ma titqieghedx f’periklu bla bzonn, ai termini ta’ Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u ta’ Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Id-dritt li wiehed ma jkunx issoggettat ghal trattament inuman u degradanti, ai termini ta’ Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u ta’ Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja ta’ l-individwu, u li dan id-dritt ma jigi mittiefes, ai termini ta’ Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, f’dak li ghandu x’jaqsam mal-kwalita’ tal-hajja tar-rikorrenti;

“4. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja ta’ l-individwu, u li dan id-dritt ma jigix mittifies, ai termini ta’ Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, f’dak li ghandu x’jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu nfurmati dwar perikli marbutin ma’ l-asbestos; u

"5. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mil-liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti."

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku tad-dokumenti li kienu esebiti flimkien mar-rikors promotur.

"Rat ir-risposta tal-intimati Policy Manager tal-Malta Shipyards, Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regolazzjoni dwar is-Sahha Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali flimkien li kienet prezentata fil-5 ta' Mejju 2010 u taqra hekk -

""Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi l-esposizzjoni ghall-asbestos tal-qarib taghhom matul l-impjieg tieghu jivvjola d-drittijiet fundamentali taghhom senjatament l-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

"Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

"Illi preliminarjament, hadd mill-esponenti ma hu l-legittimu kontradittur ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Di piu' ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati

"Illi wkoll preliminarjament ir-rikorrenti m'ghandhom ebda locus standi f'din il-kawza ghal dak li jirrigwarda t-talbiet taghhom taht il-Konvenzjoni Ewropeja. Dan stante li ma jikkwalifikawx bhala vittma ai termini ta' l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Dan stante li i) ma hemmx ness adegwat bejn l-allegat dannu ghas-sahha kkagunat lil Joseph Attard u xi ksur ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, u ii) ma jirrizultax illi r-rikorrenti ezawrixxew minghajr success ir-rimedji kollha li ttihom il-ligi sabiex jistghu jikkwalifikaw bhala vittmi ai termini ta' l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni

Ewropeja ghalhekk, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ghadhom fi stadju ta' suspetti, ipotezijiet u kongetturi li skond il-gurisprudenza ewropeja ma jistghux jiffondaw l-istatus ta' vittma. Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrent hija 'manifestly ill-founded' ai termini ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 3 ta' l-artikolu 35. (Vide inter alia **Vijayanathan and Pusparajah v France** deciza fis-27 ta' Awissu 1992, Series A no. 241 B; **The Christian Federation of Jehovah's Witnesses in France v France** (applik. nru. 53430/99, ECHR 2001 XI); u **Senator Lines v the EU States** (applik. nru. 56672/00, ECGR 2004 IV)

"Illi wkoll preliminarjament, it-talbiet attrici huma rrecevibbli ratione temporis in kwantu jappoggjaw fuq il-Konvenzjoni Ewropeja stante li fiz-zmien li r-rikorrenti qed jallegaw li nkisru d-drittijiet fundamentali ta' Joseph Attard il-Konvenzjoni Ewropeja kienet ghadha ma tiffurmax parti mil-ligi Maltija u ghaldaqstant ghall-azzjoni tar-rikorrenti josta l-Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987;

"Illi inoltre in kwantu t-talbiet huma diretti kontra l-Malta Drydocks hadd mill-esponenti m'hu l-persuna li ghandha r-rapprezentanza ta' dik l-istituzzjoni skond l-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari;

"Illi inoltre u wkoll preliminarjament, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qeghdin jadoperaw procedura straordinarja u jimpenjaw lil din il-Qorti fil-forum Kostituzzjonali meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom tramite d-dritt amministrattiv u civili ordinarju. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**"Ebda ksur ta' l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

"Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar periklu ghal hajjithom allegatament naxxenti minn esposizzjoni ghall-materja

nociv hija ghal kollox infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

“L-esponenti jissottomettu illi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi ghall-protezzjoni mill-privazzjoni tal-hajja meta tali privazzjoni ssir ‘intenzjonalment’. Illi certament illi mir-rikors promotur ma jirrizultax dan;

“Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta’ dawn l-Artikoli.

**“Ebda ksur ta’ l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

“Illi r-rikorrenti qeghdin jallegaw illi l-fatt illi huwa kien impjegat f’ambjent fejn kien espost ghal certu sustanzi jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom. L-esponenti jissottomettu illi l-fatt illi d-decedut Joseph Attard kien jahdem f’dawn il-kundizzjonijiet ma jfissirx illi huma kienu gew assoggettati ghal trattament degredanti;

“L-esponenti jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet **Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs UK** (1985) fejn il-Qorti Ewropea rriteniet illi jrid ikun hemm intenzjoni ta’ umiljazzjoni sabiex jigi sodisfatt ir-rekwizit ta’ trattament degredanti. Il-Qorti Ewropea osservat fid-decizjoni ‘Tyrer’ deciza fil-25 ta’ April 1978 irriteniet illi ‘the suffering occasioned must attain a particular level before a punishment can be classified as inhuman within the meaning of article 3’;

“Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta’ dawn l-Artikoli.

**“Ebda ksur ta’ l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

“Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija naxxenti mill-fatt illi allegatament l-esponenti naqsu milli jaghtu informazzjoni lir-rikorrenti dwar l-effetti nocivi ta’ certu materjal. L-esponenti jirrilevaw illi huma ma zammu mistura ebda

informazzjoni relattiva ghal dawn il-materjali u certament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma purament spekulattivi u ghandhom jigu michuda;

“Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta’ dan l-Artikolu;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

“Rat ir-risposta ta’ l-intimata Awtorita’ Dwar is-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol prezentata fil-11 ta’ Mejju 2010 li taqra hekk -

““Illi l-lanjanza kostituzzjonali mqajma mir-rikorrenti u li dwarhom sar ir-rikors kostituzzjonali odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u huma sahansitra kompletament frivoli u vessatorji u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti u dana ghar-raguniijiet segwenti:

**“1. In-nuqqas ta’ ezawriment ta’ rimedju ordinarju**

“1.1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli lilhom skond il-ligi sabiex jissalvagwardjaw l-allegati interessi vantati minnhom u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setgha taghha f’dawn il-proceduri ai termini tal-proviso tas-subartikolu 2 ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“1.2. Illi f’dan ir-rigward l-Awtorita’ intimata taghmel riferenza ghall-proviso fuq citat illi jistabbilixxi li l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setgha taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa

ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra;

"1.3 Illi ghar-raguni fuq imsemmija u konformament mad-dispozizzjonijiet tal-ligi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha fil-proceduri odjerni.

**"2. Kwistjoni dwar konnessjoni ta' kawzi u forum shopping**

"2.1. Illi jirrizulta illi jezistu numru ta' kawzi fejn l-istess lanjanzi migjuba 'l quddiem f'din l-istanza gjà ingabu 'l quddiem minn rikorrenti ohra kontra l-intimati odjerni.

"2.2. F'dan ir-rigward, l-Awtorita' esponenti taghmel referenza ghas-segwenti rikorsi kostituzzjonali lkoll pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta):

"- John Mary Abela et v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et (rikors 25/2009/GCD);

"- Joseph Attard et v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et (rikors 26/2009/GCD);

"- Joseph Brincat et v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et (rikors 27/2009/GCD);

"- Carmel Cachia et v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et (rikors 28/2009/GCD);

"- George Spiteri v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et (rikors 30/2009/RCP);

"2.3. Ghalkemm fil-kaz odjern, hemm lok illi dina l-Onorabbli Qorti tordna illi dana r-rikors jigi konness mar-rikorsi l-ohra, hawn fuq imsemmija ai termini ta' l-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Awtorita' esponenti tiddikjara illi hija ma ghandha l-ebda oggezzjoni li r-rikors odjern jigi deciz minn dina l-Onorabbli Qorti kif

preseduta, izda tirrileva bir-rispett illi jista' jkun hemm kwistjoni ta' forum shopping kif ukoll ta' decizjonijiet kunfliggenti mill-istess Qorti.

**"3. Locus Standi**

"3.1. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti m'ghandhomx locus standi ta' vittmi illi fil-konfront taghhom gew lezi xi drittijiet fundamentali fir-rikors odjern jew illi jistghu jigu lezi tali drittijiet. L-artikolu 34 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hekk kif inkorporat fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta – Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja – jistabilixxi illi "Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, ikun qieghed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha, jew kull persuna li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lil Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju." Semmai gew lezi xi drittijiet fundamentali dawn certament ma humiex tar-rikorrenti izda semmai u ghall-grazzja ta' l-argument biss ta' familjari taghhom, u cioe' tad-defunt Joseph Attard. Ghal din ir-raguni, ir-rikorrenti m'ghandhomx locus standi ta' vittmi kif stipulat fl-artikolu 34 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hekk kif inkorporat fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda.

**"4. L-Awtorita' esponenti mhijiex legittima kontradittrici**

"4.1. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita' intimata ma hijiex il-legittima kontradittrici fir-rikors odjern u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi bl-ebda mod ma tirrispondi ghall-addebiti mressqa kontra taghha u bl-ebda mod ma jista' jinghad illi kien hemm xi agir da parti ta' l-istess Awtorita' illi b'xi mod seta' lleda d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnhom pretizi.

**“5. Fil-mertu, l-infondatezza tal-lanjanzi kostituzzjonali**

“5.1. Illi fil-mertu u minghajr pegudizzju ghall-premess, ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel talba dwar l-allegat ksur ta’ l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem hekk kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta – Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja – dina hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u hija sahansitra frivola u vessatorja u ghaldaqstant ghandha tigi michuda fl-intier taghha;

“5.2. Illi effettivament l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jistabilixxi li ‘hadd ma jista’ jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-ezekuzzjoni tas-sentenza ta’ Qorti dwar reat kriminali skond il-ligi ta’ Malta li tieghu jkun gie misjub hati’

“5.3. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija nfondata ghas-semplici raguni illi mhuwiex minnu illi nkiser id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja “fil-konfront individwali ta’ kull wiehed mir-rikorrenti”;

“5.4. Barra minn hekk, kif jirrizulta mid-disposizzjonijiet ta’ l-istess artikolu, l-emfazi qieghda fuq it-tnehhija intenzjonali tal-hajja u senjatament illi wiehed deliberatament inehhi jew jipprova jnehhi l-hajja ta’ dak li jkun mentri fil-kaz in dizamina bl-ebda sforz ta’ l-immaginazzjoni u bl-ebda tigbid ta’ l-interpretazzjoni tal-ligi ma jista’ jinghad illi l-Awtorita’ esponenti ghamlet xi haga deliberatament bil-hsieb li toqtol lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti stess ma jaghmlu l-ebda allegazzjoni f’dan is-sens fil-konfront ta’ l-Awtorita’ esponenti;

“5.5. Illi jekk imbaghad ir-rikorrenti jargumentaw illi huma qeghdin jipprovaw jittutelaw id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja tad-defunt Joseph Attard, hemm

nuqqas ta' locus standi da parti taghhom ghaliex kawza ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' drittijiet fundamentali hija prettament ta' natura personali u mhux esperibbli mill-werrieta u dan apparti l-fatt illi ghalkemm ir-rikorrenti jippremettu l-fatti illi – skond huma – wasslu ghall-mewt tad-defunt Joseph Attard, huma jitolbu dikjarazzjoni fil-konfront taghhom biss;

"5.6. Illi effettivament ghalkemm id-defunt kien impjegat mad-Drydocks mis-snin hamsin sas-snin sebghin, l-Awtorita' intimata twaqqfet biss f'Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002)

"5.7. Illi ulterjorment jigi rilevat illi ghalkemm it-talba tar-rikorrenti taghmel referenza ghad-dritt illi l-hajja ta' individwu ma titqieghedx f'periklu bla bzonn, tali dritt bl-ebda mod ma jirrizulta mill-Artikolu fuq citat u ghaldaqstant tali talba hija ghal kollox bla bazi u nfondata fil-fatt u fid-dritt;

"5.8. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li "hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti";

"5.9. Illi f'dan ir-rigward jigi rilevat illi fir-rikors tar-rikorrenti ghal darba ohra imkien ma gie anke minimament allegat illi r-rikorrenti u/jew id-defunt Joseph Attard gie espost ghal xi piena jew trattament inuman jew degradanti da parti ta' l-Awtorita' esponenti u dan propju ghaliex qatt u fl-ebda hin ma kien hemm tali trattament u/jew piena da parti ta' l-Awtorita' esponenti fil-konfront ta' l-istess, b'dan illi t-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta' dan id-dritt da parti ta' l-Awtorita' intimata hija kompletament bla bazi u ghal kollox frivola u vessatorja;

“5.10. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-interpretazzjoni ta’ trattament inuman u degradanti gie stabbilit illi bhala regola, u bazi ta’ dak li gie deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Ireland v. United Kingdom** (18/1/78), ikun hemm trattament inuman meta jkun hemm “the infliction of intense physical or mental suffering” filwaqt li trattament degradanti jinkludi “treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance”;

“5.11. Illi inoltre kif gie ritenut mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-**Greek Case** “The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable ... Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliated him before others or derives him to act against his will or conscience”;

“5.12.Illi f’dan ir-rigward jigi rilevat bir-rispett illi l-Artikolu fuq citat huwa ghal kollox irrelevanti ghall-fatti tal-kaz odjern stante illi ma kien hemm assolutament l-ebda agir da parti ta’ l-Awtorita’ esponenti li b’xi mod jista’ jammonta ghal trattament inuman u degradanti;

“5.13.Illi lanqas jista’ jinghad illi kien hemm xi indhil fil-hajja privata tar-rikorrenti;

“5.14.Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, l-Awtorita’ esponenti ma hija responsabbli bl-ebda mod ghal dak allegatament soffert mir-rikorrenti;

"5.15.Illi ghar-ragunijiet suesposti t-talba tar-rikorrenti ghall-kwantifikazzjoni, likwidazzjoni u hlas ta' kumpens xieraq ghandha wkoll tigi michuda fl-intier taghha;

"5.16. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz meta r-rikorrenti joghgobhom b'xi mod jissostanzjaw it-talbiet taghhom.

"Ghaldaqstant u in vista tal-premess, l-Awtorita' esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom u tiddikjara illi l-lanjanzi kostituzzjonali mqajjma mir-rikorrenti u illi dwarhom sar ir-rikors kostituzzjonali odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet premessi u tiddikjara wkoll illi t-tqanqil tal-kwistjonijiet kostituzzjonali min-naha tar-rikorrenti huma fiergha u vessatorji u dan taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

"Rat li fl-udjenza tat-18 ta` Mejju 2010, din il-Qorti dderiegiet lill-partijiet sabiex l-ewwel jittrattaw l-eccezzjoni preliminari tal-<u>ezawriment tar-rimedji ordinarji</u> li tirrizulta fiz-zewg risposti tal-intimati kollha sabiex imbaghad taghti d-decizjoni taghha fir-rigward.
"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Awtorita' dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol li kienet prezentata fl-24 ta' Mejju 2010.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati l-ohra li kienet prezentata fit-3 ta' Gunju 2010.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti li kienet prezentata fid-9 ta' Gunju 2010.

"Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjoni tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji kif sollevata fiz-zewg risposti tal-intimati.

**“Ikkunsidrat -**

“L-eccezzjoni tar-“rimedji ordinarji” kif dedotta fir-risposta tal-intimati Policy Manager tal-Malta Shipyards, Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regolazzjoni dwar is-Sahha Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali flimkien tirrizulta fl-ahhar paragrafu tat-tieni pagna tar-risposta (fol 26) u taqra hekk -

““Illi inoltre u wkoll preliminarjament, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qeghdin jadoperaw procedura straordinarja u jimpenjaw lil din il-Qorti fil-forum Kostituzzjonali meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom tramite d-dritt amministrattiv u civili ordinarju. F’dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

“L-eccezzjoni tar-“rimedji ordinarji” kif dedotta fir-risposta tal-intimata Awtorita` dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol tirrizulta fil-paragrafu numerat 1 taht it-titolu “In-nuqqas ta` ezawriment ta’ rimedju ordinarju” fl-ewwel pagna tar-risposta (fol 29) u taqra hekk -

“1.1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli lilhom skond il-ligi sabiex jissalvagwardjaw l-allegati interessi vantati minnhom u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setgha taghha f’dawn il-proceduri ai termini tal-proviso tas-subartikolu 2 ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“1.2. Illi f’dan ir-rigward l-Awtorita’ intimata taghmel riferenza ghall-proviso fuq citat illi jistabbilixxi li l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setgha taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra;

"1.3. Illi ghar-raguni fuq imsemmija u konformament mad-dispozizzjonijiet tal-ligi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha fil-proceduri odjerni."

"Minn ezami tal-eccezzjonijiet kif moghtija, huwa evidenti li dawn huma prattikament l-istess u ghaldaqstant ghall-fini ta' heffa din il-Qorti se tqishom flimkien.

**"Ikkunsidrat –**

"Ghall-konsiderazzjoni tal-eccezzjoni preliminari de qua, huma rilevanti d-disposizzjonijiet segwenti:

**"<u>L-Art.46 tal-Kostituzzjoni</u>** –

""(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.

"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

**“<u>L-Art.4(2) tal-Kap.318 -</u>**

““Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, u tista’ taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:

“Izda l-qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.”

**“Ikkunsidrat –**

“Meqjusa flimkien, is-sottomissjonijiet tal-intimati <u>fil-qosor</u> kienu dawn –

“1) Huwa fatt accertat u accettat anke mir-rikorrenti li qabel intavolaw l-azzjoni kostituzzjonali, ir-rikorrenti ma pprezentaw l-ebda azzjoni ghal danni kontra l-intimati jew min minnhom. Issa bhala rimedju ghal-lanjanzi fl-istanza tal-lum, ir-rikorrenti qed jitolbu li favur taghhom jigi likwidat kumpens pagabbli fi flus. Mela fil-verita`, dak li r-rikorrenti qed jippretendu huwa risarciment ta` danni.

“2) Pretensjoni ta` dik ix-xorta ma kellhiex tkun dedotta f’kawza kostituzzjonali izda f’kawza ordinarja. Kwindi din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha skond il-proviso tal-Art.46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-proviso tal-Art.4(2) tal-Kap.319. Din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jekk tkun sodisfatta li ghal-lanjanzi tar-rikorrenti hemm disponsibbli lir-rikorrenti mezzi xierqa taht il-ligi ordinarja sabiex jottjenu rimedju. U r-rimedju ordinarju, jekk effettiv, ghandu jigi nvokat u

ezawrit qabel jintalab rimedju kostituzzjonali, li min-natura tieghu huwa rimedju specjali u straordinarju.

“3) Ir-rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti huwa accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat mir-rikorrenti.

**“Ikkunsidrat -**

“Is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fil-qosor kienu dawn –

“1) Ir-rikorrenti jaccettaw li bhala fatt huma mexxew bil-procedura kostituzzjonali odjerna u li ma ntavolawx proceduri ohra quddiem il-qrati ordinarji.

“2) Propju ghaliex Qorti ghandha tiehu konjizzjoni realistika mhux biss ta’ l-esistenza ta’ rimedji formali, izda anke l-kuntest generali tas-sistema guridika u c-cirkostanzi partikolari tar-rikorrenti, ma jistghux l-intimati jinvitaw lill-Qorti sabiex ma tezaminax sewwa jekk kienx hemm lezjoni ta’ dritt fondamentali jew le billi b`mod ambigwu jghidu vagament li kien hemm rimedju konsistenti f’semplici azzjoni ta` danni minghajr ma r-rimedju propost jigi allaccjat mad-drittijiet fundamentali allegatament lezi. Appuntu ghaliex ir-rimedju irid ikun allaccjat ma` kull wiehed mid-drittijiet fondamentali allegatament rezi.

“3) Ir-rikorrenti mhumiex obbligati li jezawrixxu rimedju li, ghad li fit-teorija jkollu n-natura ta’ rimedju, fir-realta` ma jindirizzax il-lezjonijiet allegati minnhom.

“4) Ghalkemm l-intimati ma kienux specifici ghal liema azzjoni ghal danni kienu qed jippretendu li r-rikorrenti kellhom jintraprendu qabel jistitwixxu l-procedura tal-lum, ir-rikorrenti fehmu li l-intimati kienu qed jirreferu ghall-azzjoni skond l-Art.1031 u 1032 tal-Kap.16. Li kieku azzjoni bhal dik kellha tkun deciza favur ir-rikorrenti, ir-rimedju kien ikun risarciment ta` danni skond l-Art.1045 u 1046 tal-Kap.16 u cioe` *damnum emergens* u *lucrum cessans.* U allura mhux danni morali li ghalkemm jistghu jigu likwidati minn qorti b`gurdizzjoni kostiutuzzjonali ma

jistghux jigu likwidati minn qorti ordinarja abbazi tal-artikoli tal-Kap.16 fuq citati.

“5) Stante li r-rikorrenti ma stradawx il-kawza odjerna u t-talbiet relattivi fuq telf ta’ flus minn introjtu kagun tal-agir ta’ terzi izda fuq lezjoni ta’ erba’ drittijiet fundamentali kemm minhabba ragunijiet prattici u teorici, ma hux minnu li t-talbiet taghhom jistghu jigi indirizzati permezz ta’ kawza ghad-danni bbazati fuq *damnum emergens* u *lucrum cessans*. L-azzjoni ghal danni u l-azzjoni odjerna huma kompletament indipendenti minn xulxin u m’hemm l-ebda sfond komuni bejniethom.

**“Ikkunsidrat -**

“L-intimati f`din il-kawza qeghdin jistiednu lill-Qorti sabiex taghzel li ma tismax din il-kawza ghaliex iqisu li r-rikorrenti kellhom rimedju iehor taht il-ligi ordinarja u ma nqdewx bih.

“L-ezistenza ta’ rimedju iehor ghall-parti li tressaq azzjoni ghal allegat ksur ta’ dritt fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha irrizulta lill-Qorti bhala **<u>stat ta’ fatt attwali u obbjettiv</u>**, u d-diskrezzjoni ta’ l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha “*jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel*” minhabba l-ezistenza ta’ rimedju iehor hija decizjoni fuq dak l-i**<u>stat ta` fatt</u>.** Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lil qorti b`gurisdizzjoni bhal dik tal-lum li, bhala fatt, jezisti rimedju iehor **<u>effettiv</u>** lir-rikorrent, li mbaghad din il-qorti tista’ tiddeciedi li ma tezercitax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment tar-rikorrent. Fil-kaz li ma jirrizultax rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment. Izda anke f’kaz li jirrizulta li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccedix l-ezercizzju tas-setgha taghha.

“Id-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f’dan ir-rigward trid titwettaq b’mod korrett u tkun immirata lejn l-iskop tal-legislatur, u cioe` li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, fl-istess waqt persuna ma tinzammx milli tipprocedi b`azzjoni bhal din meta jkun

jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jista` jimplika l-ksur ta' jedd fondamentali. Ghalhekk din id-diskrezzjoni ghandha tkun uzata dejjem fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-qrati b`gurisdizzjoni kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b`kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohra kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha dritt tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.

“Diversi kienu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn kienu traccjati l-principji li jindirizzaw il-kwistjoni jekk tassew ir-rikorrent kellux inkella le rimedju alternativ qabel irrikorra ghall-procedura kostituzzjonali.

“Fost dawn il-principji, insibu –

“(a) L-esistenza ta' rimedju iehor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fondamentali. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dak il-ksur. Fl-istess waqt, m'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ikun jirrizulta li r-rimedju sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.

“(b) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

“c) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.

“(d) Ma hemm l-ebda kriterju pre-stabbilit dwar l-uzu ta’ din id-diskrezzjoni, ghaliex il-kriterju rilevanti huma l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz de quo. Mela fil-konsiderazzjoni ta` dawn il-fatti u cirkostanzi, huwa accettabbli grad ta` flessibilita` minn naha wahda u formalizmu mill-inqas min-naha l-ohra. Fit-twettieq tad-diskrezzjoni li din il-Qorti ghandha skond il-ligi, ma hemm xejn assolut u lanqas awtomatizmi propju ghaliex ic-cirkostanzi partikolari ta` kull kaz jibqa` l-kriterju rilevanti.

“(e) In-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-mezzi ma kinux tajbin biex joffru rimedju shih lir-rikorrent.

“(f) In-nuqqas ta’ tehid ta’ rimedju ordinarju – ukoll jekk seta’ kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent, minhabba l-imgieba ta’ haddiehor, m’ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.

“(g) L-ezercizzju minn qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.

“(h) Meta r-rimedju jaqa’ fil-kompetenza ta’ organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta’ xulxin, il-qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.

“(i) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b’mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta’ drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta’ dawk is-setghat.

"Il-gurisprudenza <u>kollha</u> citata mill-partijiet fin-noti ta` sottomissjonijiet taghhom taghti konfort lil din il-Qorti fir-rigward ta` l-konsiderazzjoni premessi.

"L-istess jaghmlu s-sentenzi li gejjin fost ohrajn: Qorti Kostituzzjonali - 31.5.1999 –"**<u>Zahra vs Awtorita' tal-Ippjanar</u>"** (Kollez. Vol:LXXXIII.i.179) Qorti Kostituzzjonali - 27.2.2003 – "**<u>Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et</u>**" Qorti Kostituzzjonali - 5.4.1991 – "**<u>Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>"** (Kollez. Vol:LXXV.i.106) Qorti Kostituzzjonali -12.12.2002 **– "<u>Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et</u>"** Qorti Kostituzzjonali – 14.5.2004 – "**<u>Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku</u>*"*;** Qorti Kostituzzjonali – 31.10.2003 – "**<u>Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et</u>*"*** Qorti Kostituzzjonali – 25.6.1999 – "**<u>Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et</u>"** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201) "**<u>Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et</u>**" Qorti Kostituzzjonali – 6.1.2006 – "**<u>Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et</u>"** Qorti Kostituzzjonali – 7.9.2007 – **"<u>Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et</u>"** Qorti Kostituzzjonali – 27.2.2009 **– "<u>Xuereb et v. Direttur tax-Xogholijiet et</u>"** Qorti Kostituzzjonali – 15.1.1991 – "**<u>Balzan v. Prim Ministru et</u>"** Qorti Kostituzzjonali **–** 14.6.1995 **– "<u>Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija</u>".**

**"Ikkunsidrat –**

"Fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar 2003 fil-kawza "<u>**Sammut** v.**Awtorita` ta' l-Ippjanar et**</u>", il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

""Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-

Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens. Infatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali ("…ghall-ksur allegat…") izda li minkejja dan "…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…" favur il-vittma."

"Kull kawza kostituzzjonali ssir biex min jaghmilha jitlob rimedju effettiv ghall-ksur allegat mhux semplicement biex ikollu dikjarazzjoni ta' ksur. Huwa minnu li f`certi cirkostanzi huwa possibbli li wiehed jirravviza s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni ta' dritt fondamentali bhala rimedju sufficjenti. Dan, pero`, certament ma hux il-kaz tal-lum.

"Minn ezami akkurat tal-premessi tal-istanza tal-lum, jirrizulta li r-rikorrenti qed jattribwixxu lill-intimati l-htija ghall-mewt ta` Joseph Attard, li kien impjegat fit-Tarzna ta` Malta bejn 1959 u 1974, u li miet bil-marda tal-Mesiothelioma, ghar-raguni li waqt it-twettieq tal-mansjonijiet tieghu fuq ix-xoghol, kien espost ghall-uzu tal-asbestos (li jista` jikkaguna l-Mesiothelioma) minghajr ebda kontroll, minghajr ma kien provdut b'mizuri ta' protezzjoni adegwati li jipprevjenu l-hsara, u minghajr ma kien infurmat dwar il-hsara li jikkaguna l-uzu tal-asbestos. Ghax l-intimati naqsu, kif allegat mir-rikorrenti, fil-konfront tal-mejjet Joseph Attard, l-istess rikorrenti jikkontendu li, fil-konfront taghhom, sehh ksur ta` kull wiehed minn erba' drittijiet fundamentali taghhom (specifikament indikati minnhom) u konsegwentement talbu lil din il-Qorti sabiex tillikwida favur taghhom kumpens xieraq fi flus sabiex jithallas mill-intimati.

"Dawn huma l-fatti u cirkostanzi tal-kaz.

"Issa fl-impostazzjoni taghha, l-istanza tar-rikorrenti tqajjem kwesit vitali: Sabiex jottjenu r-rimedju li qeghdin jirrikjedu ghall-allegat ksur ta' erba' mill-jeddijiet fundamentali taghhom u specifikati minnhom (*supra*.) u cioe` kumpens fi flus, kien tassew mehtieg ghar-rikorrenti li jirrikorru ghall-procedura tal-lum, jew inkella kellhom disponibbli u accessibbli ghalihom azzjoni quddiem it-

tribunali ordinarji li tindirizza l-lanjanza taghhom u taghmel gustizzja maghhom ?

"Din il-Qorti tghid li ladarba r-rimedju li talbu kien kumpens fi flus, ir-rikorrenti kellhom jirrikorru l-ewwel ghal azzjoni ghal risarciment ta` danni naxxenti minn allegata culpa akwiljana jew *ex contractu* quddiem il-qrati ordinarji, skond kontra min mill-intimati, kien behsiebhom jidderiegu l-istanza taghhom, u dan qabel jintraprendu l-istanza tal-lum, ghaliex l-istanza quddiem il-qrati ordinarji kienet taghtihom rimedju effettiv u effikaci li jindirizza tassew l-ilment taghhom. Inoltre l-qofol tal-kwistjonijiet legali mqanqla fil-kawza tal-lum jistghu jigu mistharrga u decizi mill-qrati ordinarji bil-garanziji kollha li r-rikorrenti ghandhom jedd ghalihom. Anke ghal dawn ir-ragunijiet, duplikazzjoni fl-indagni gudizzjarja ghandha tigi evitata. Min-natura tal-kaz, l-indagni gudizzjarja fil-qorti ordinarja se tinvesti *in pieno* l-kwistjoni tal-allegat nuqqas o meno tal-intimati jew min minnhom, aktar milli l-kwistjoni strettament kostituzzjonali, bl-ghoti ta` rimedju, jekk ikun il-kaz, li jwassal ghal kumpens fi flus.

"Riferibbilment ghar-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti sabiex isostnu t-tehid ta' l-azzjoni odjerna, minflok azzjoni fil-qrati ordinarji, din il-Qorti tghid li ghax istanza fil-qrati ordinarji fuq il-premessi mressqa mir-rikorrenti *tista`* twassal *biss*, skond ir-rikorrenti, ghal rimedju konsistenti minn *damnum emergens* u *lucrum cessans* ma jirrendix dak ir-rimedju ineffikaci jew addirittura ineffettiv ghax, kif ighidu r-rikorrenti, il-legislazzjoni ordinarja kif tirrizulta fil-Kodici Civili fil-kaz mertu tal-istanza tal-lum ma twassalx ghall-ghoti ta` danni morali. Ghax ir-rimedju kostituzzjonali huwa straordinarju, l-uzu tad-diskrezzjoni skond l-artikoli diga` citati huwa intiz anke sabiex jipprevjeni l-possibilita` li fuq il-pretest li sehh fil-konfront ta` rikorrent allegat ksur ta` jeddijiet fundamentali jittenta li jirrikava kumpens aktar milli taghtih il-ligi ordinarja. Ghalhekk ma kienx htiega assoluta li biex tinghata rimedju fi flus tirrikorri necessarjament ghall-procedura straordinarja kostituzzjonali. Li certament mhux l-iskop tar-rimedju kostituzzjonali propju ghaliex dak ir-rimedju jissubentra fejn jirrizulta l-ksur tal-jedd fundamentali, u fejn

il-ligi ordinarja u allura l-qrati ordinarja li japplikawha, ma jwasslux ghar-rimedju pretiz mir-rikorrent.

"Ghalkemm, fil-kompetenza u gurisdizzjoni taghha, il-ligi taghti lil din il-Qorti setghat wiesgha, anke fl-ghoti tar-rimedju, ghal din il-Qorti dak ifisser li hija obbligata tezercita d- diskrezzjoni taghha bi prudenza u ghaqal kbir, sabiex filwaqt li tassikura li ssir gustizzja, tipprevenji kwalsiasi abbuz ta` l-process gudizzjarju u fuq kollox ma tkunx hi li tassumi setghat li certament m'ghandhiex, senjatament dak legislattiv. L-esercizzju ta' fatt fil-mertu li r-rikorrenti qed jippretendu li ghandha taghmel din il-Qorti, fil-kuntest tal-lanjanzi taghhom tista' u ghandha taghmlu qorti ordinarja. Il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwistjonijiet legali mqanqla f'din il-kawza jistghu jigu mistharrga mill-qorti ordinarja ghax l-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur mhux bilfors jehtiegu li tkun propju din il-Qorti li tistharrighom u taghtihom definizzjoni.

"Issa jekk wara li jkun konkluz b'mod definittiv dak il-process, ir-rikorrenti xorta jkun jidhrilhom li kien hemm lezjonijiet ta' drittijiet fondamentali, l-istess rikorrenti mhumiex prekluzi milli jipprocedu b'istanza kostituzzjonali ohra (mhux din) sabiex ifittxu l-ghoti ta` rimedji li l-proceduri quddiem il-qrati ordinarji ma setghux jaghtuhom. Pero` din il-Qorti tibqa` tinsisti li fil-kaz tal-lum jidher car li r-rikorrenti kellhom mezzi ordinarji disponibbli biex jiksbu rimedju ghall-ilment taghhom, u allura kellhom jirrikorru l-ewwel ghal dawk il-mezzi, qabel ma jfittxu rimedju kostituzzjonali. Din il-Qorti terga` ssostni li dan tal-ahhar huwa rimedju straordinarju u ghandu jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tkunx bizzejjed biex thares u tittutela d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. Fil-kaz tal-lum il-ligi ordinarja taghti lir-rikorrenti rimedju tajjeb u effettiv.

"In konkluzjoni, wara li qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` dan il-kaz, din il-Qorti taghzel li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht l-Art.46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art.4(2) tal-Kap.318.

**"Ghaldaqstant taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tilqa' z-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-**

**ezawriment tar-rimedji ordinarji, kif dedotti fiz-zewg risposti tal-intimati kollha, tillibera lill-intimati kollha mill-osservanza tal-gudizzju, u, a tenur ta` l-Art.46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta` l-Art.4(2) tal-Kap.318, tiddikjara li qeghda tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ghar-raguni li r-rikorrenti ghandhom mezz xieraq ta' rimedju taht ligi ordinarja ohra ghall-ksur tal-jeddijiet taghhom kif minnhom allegat.**

**"B'applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha."**

**Rikors tal-Appell tar-rikorrenti**

Minn din is-sentenza appellaw ir-rikorrenti b'dawn l-aggravji li fil-qosor jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Fl-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha impostat il-kawza fuq binarji skorretti billi l-kumpens li huma qed jitolbu huwa konsegwenza ghall-fatt li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom u mhux semplicement talba ghal rizarciment ta' danni.

2. It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-inadekwatezza tal-ligi ordinarja kif inhi biex tindirizza d-danni non-pekunjarji billi fis-sistema taghna, il-qrati ordinarji ma jistghux jaghtu kumpens morali jew kumpens ghal *pain and suffering*. Ghalhekk l-appellanti ma kien fadlilhom ebda rimedju hlief ir-rimedju kostituzzjonali.

3. It-tielet aggravju huwa li l-kawza intavolata minnhom qatt ma kienet kwistjoni ta' dritt privat bejn zewg cittadini, izda n-nuqqas serju, persistenti u mifrux ta' diversi entitajiet governattivi li wasslu ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghall-mewt ta' diversi nies, inkluz Joseph Attard f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, l-appellanti talbu li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet

taghhom okkorrendo li taghti dawk l-ordnijiet inkluz il-fissazzjoni ta' kumpens.

**Risposti tal-appell tal-intimati**

L-intimati wiegbu fir-risposti taghhom li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti u dan ghar-ragunijiet kollha li gew dettaljati fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom prezentati quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti. L-aggravji relattivi tal-appellanti gew kollha kontestati ghar-ragunijiet premessi fir-risposti taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ir-rikorrenti f'din il-kawza kienu talbu lill-Qorti tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet taghhom taht l-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti.

L-intimati eccepew li l-Qorti kellha taghzel li ma tismax il-kawza billi r-rikorrenti kellhom rimedju iehor ghar-rizarciment ta' danni taht il-ligi ordinarja li ma nqdewx bih.

L-ewwel Qorti laqghet iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimati  billi deherilha li ladarba r-rimedju li talbu kien kumpens fi flus, ir-rikorrenti kellhom jirrikorru l-ewwel ghal azzjoni ghal rizarciment ta` danni naxxenti minn allegata kulpa akwiljana jew *ex contractu* quddiem il-qrati ordinarji qabel jintraprendu l-istanza kostituzzjonali, ghaliex l-istanza quddiem il-qrati ordinarji kienet taghtihom rimedju effettiv u effikaci li jindirizza tassew l-ilment taghhom.

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa proprju li l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha impostat il-kawza b'mod zbaljat billi l-kumpens li huma qed jitolbu huwa rizultat tal-fatt li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom u mhux semplicement talba ghar-rizarciment ta' danni.

Dwar is-sinifikat tal-eccezzjoni dwar rimedju ordinarju, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni inutili, terga' taghmel riferenza ghal gurisprudenza kopjuza li gie riportata fis-sentenza tal-ewwel Qorti, li din il-Qorti tikkondividi, liema decizjoni hija inkorporata f'din is-sentenza. Pero` b'zieda tghid dan li gej.

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, il-Qorti tirrileva li l-fatt li qed jigi allegat li kien hemm nuqqasijiet da parti tal-intimati ma jfissirx li r-rimedju kellu jkun bil-fors wiehed taht il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Il-fatt li r-rikorrenti qed jilmentaw min-nuqqasijiet tal-awtoritajiet, bhad-dritt ghal informazzjoni, investigazzjoni u hajja, ma jfissirx li bil-fors il-kawza kellha tkun wahda kostituzzjonali u dan tenut kont ukoll ta' kif inhi formulata t-talba.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza **Sammut v. Awtorita` tal-Ippjanar et** deciza fis-27 ta' Frar 2003:

"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens. In fatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali ("…ghall-ksur allegat…") <u>izda li minkejja dan "…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra</u>…" favur il-vittma".[1]

Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel mal-Gvern, jew l-

[1] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et***.; kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti – dejjem diversament komposta – tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar et***.

amministrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta c-cittadin ikun provdut u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanjanzi tieghu[2].

Fil-kaz in ezami saret referenza ghas-sentenza **Fenech v. Chairman Malta Drydocks noe et** deciza fl-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010 fejn persuni li kienu fl-istess posizzjoni bhar-rikorrenti f'dan il-kaz, istitwew b'success kawza ghad-danni civili cioe` fejn saret talba ghal rimedju li taghti l-ligi ordinarja tal-pajjiz. F'dak il-kaz l-atturi, bhar-rikorrenti f'din il-kawza, kellhom rimedju disponibbli ghalihom sabiex jigi indirizzat l-ilment taghhom, izda fil-kaz odjern ir-rikorrenti naqsu li jirrikorru fl-ewwel lok ghal rimedju simili. Ir-rikorrenti ma urewx, u wara kollox lanqas setghu ghax ma ghamlux kawza civili, kif dak ir-rimedju ma kienx se jkun accessibbli u effettiv kif invece kien fil-kaz citat. Jirrizulta ghalhekk li r-rimedju kien *"available in theory and in practice <u>at the relevant time</u>"* (**Cyprus vs Turkey** 2001). F'dan ir-rigward hu risaput li z-zmien li jrid jigi kkunsidrat hu dak li fih sar il-ksur tal-jedd u mhux iz-zmien li fih tressaq l-ilment. Jekk persuna thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet taghmel uzu tar-rimedju ordinarju ma tistax imbaghad tiehu passi kostituzzjonali bhala rimedju *in extremis*.

Fi kwalunkwe kaz anke jekk, ghal grazzja tal-argument, jirrizulta wara li jkun konkluz il-process ordinarju b'mod definittiv li r-rikorrenti xorta jidhrilhom li fadal lezjoni ta' drittijiet fundamentali taghhom, huma jistghu jipprocedu b'istanza kostituzzjonali ohra ghar-rimedju.

Din il-Qorti pero`, bhala l-ewwel Qorti, hija tal-fehma, li billi r-rikorrenti kienu qed jitolbu rizarciment ta' danni in segwitu ghal mewt ta' Joseph Attard, l-azzjoni taht il-ligi ordinarja kienet taghtihom rimedju shih ghal ilment taghhom. Ir-rikorrenti m'ghandhom ebda dritt ghal danni morali taht il-ligi ordinarja u l-Konvenzjoni Ewropeja ma taghti ebda dritt generali jew assolut ghall-danni morali

[2] **Balzan Imqareb v. Registratur tal-Qrati tal-Gustizzija** 18 ta' Mejju 2006.

f'kazijiet bhal dawn. Dan igibna ghat-tieni aggravju tal-appellanti.

**It-tieni aggravju**

Fit-tieni aggravju l-appellanti jillanjaw dwar l-inadekwatezza tal-ligi ordinarja kif inhi biex tindirizza d-danni non-pekunarji billi fis-sistema taghna, il-qrati ordinarji ma jistghux jaghtu kumpens morali jew kumpens ghal *pain and suffering*. Ghalhekk l-appellanti jghidu li ma kienx fadlilhom rimedju hlief dak kostituzzjonali.

Apparti dak li ghadu kemm inghad li l-Konvenzjoni Ewropeja ma taghti ebda dritt assolut ghall-danni morali f'kazijiet simili, il-Qorti tirrileva li ma jfissirx li kull darba li jintalbu danni morali f'kawza kostituzzjonali awtomatikament jigi eskluz ir-rimedju ordinarju u bil-kuntrarju mhux kull kawza ta' danni taghti lok ghal kawza kostituzzjonali jew konvenzjonali ghax il-ligi ordinarja ma takkordax danni morali. Jigi notat finalment li f'din il-kawza r-rikorrenti mhux qed jattakkaw f'dan ir-rigward xi artikolu *ad hoc* tal-ligi bhala anti-kostituzzjonali.

**It-tielet aggravju**

L-ahhar aggravju tal-appellanti huwa li s-sisien tal-kawza intavolata minnhom qatt ma kienu dwar dritt privat bejn zewg cittadini, izda n-nuqqas serju, persistenti u mifrux ta' diversi entitajiet governattivi li wasslu ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghall-mewt ta' diversi nies, inkluz Joseph Attard.

Illi din il-Qorti pero` ma taqbilx mar-rikorrenti li huma ma setghux jivvantaw il-pretensjonijiet taghhom ghal danni quddiem il-qrati ordinarji billi l-allegat ksur sar minhabba nuqqas da parti ta' entita` governattiva. Hu rikonoxxut li entitajiet governattivi huma wkoll azzjonabbli quddiem il-Qrati ordinarji ghan-nuqqasijiet allegati mill-appellanti u jistghu jigu mfittxija ghad-danni kagjonati, u dan apparti l-azzjoni li setghet tittiehed ghal stharrig gudizzjarju. Mill-bqija ssir referenza ghal dak li gja` gie deciz dwar l-ewwel aggravju.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjez tal-ewwel istanza kif deciz mill-ewwel Qorti. Spejjez ta' dan l-appell ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------